PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 17.05.09: IS-SITT ĦADD TA' L-GĦID**

## GIMGHA GHAT-TFAL
## P R O G R A M M

**IT-TNEJN, 18.05.09: Fis-7.30p.m.** Se ssir Laqgħa għall-Ġenituri kollha li għandhom lil uliedhom se jirċievu s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.
Din se tkun fis-Sala tad-Dar Parrokkjali**.**
Il-Ġenituri kollha huma mitluba biex jattendu.
Wara l-laqgħa tingħata l-**Libsa** lit-Tfal ta' l-**Ewwel Tqarbina.** Għalhekk dawn il-ġenituri huma mitluba biex iġibu magħhom t-tfal ta' l-Ewwel Tqrabina.
**IT-TLIETA, 19.05.09: Fit-8.30a.m.** Fl-iskola nagħmlu funzjoni ħdejn l-istatwa tal-Madonna u ssir il-"***Crowning***" tal-Madonna mit-tfal li jkun akkompanjat mill-kant.
Illum ikollna fostna l-**istatwa ta' San Gwann Bosco** li huma protettur tat-tfal, li din is-sena qed iddur l-parroċċi fl-okkażjoni tal-75 sena mill-kanonizzazzjoni tiegħu.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa u wara l-Vanġelu jsir quiz dwar San Ġwann Bosco mit-tfal tal-Form 1.
**L-ERBGĦA.20.05.09: FESTA TAL-MAĦFRA.**
**FIS-6.15p.m.** It-Tfal li se jirċiwvu l-Ewwel Tqrabina ikunu fis-Sagristija biex jiċċelebraw l-**Ewwel Qrara.**
**Fis-7.00p.m.** jieħdu sehem fil-quddiesa u fiċ-ċelebrazzjoni dwar dan is-Sagrament.
Wara l-quddiesa t-Tfal ta' l-Ewwel Qrara flimkien mal-ġenituri tagħhom huma mistiedna fis-Sala tad-Dar Parrokkjali għal mument ta' ferħ flimkien, f'din l-okkażjoni.
**IL-ĦAMIS, 21.05.09 Fis-7.00p.m.** quddiesa li fiha jsir **QUIZ BIBBLIKU,** mtella mit-tfal tal-Year 3.
**IL-ĠIMGĦA, 22.05.09: IRTIR GĦAT-TFAL TAL-GRIŻMA**
**Fil-4.30p.m.** It-Tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni se jkollhom ftit ħin ta' irtir bi tħejjija għal dan is-Sagrament. Dan se jkun fid-dar parrokkjali
Dawn it-tfal huma mitluba li jkunu kollha preżenti.

**JUM IL-PREMJAZZJONI**

**Fis-7.00p.m.** quddiesa li fiha ssir l-Premjazzjoni tat-Tfal li jattendu id-Duttrina fil-għodu.
**IS-SIBT, 23.05.09: QUDDIESA U ĦARĠA**
**Fit-8.30a.m**. Quddiesa għat-Tfal kollha u wara ssir ħarġa għalihom, u jingħataw *Refreshments*
Wara l-ħarġa, t-tfal li se jirċievu l-Ewwel Tqrabina se jkollhom l-aħħar prova, fil-knisja.
**IL-ĦADD 24.05.09: SOLENNITA TAT-TLUGĦ IL-MULEJ FIS-SEMA.**

**JUM IL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI**

## JUM L-EWWEL TQARBINA
## FIL-PARROCCA TAGHNA

**Fil-3.45p.m.** It-Tfal ta' l-Ewwel Tqrabina jitilqu minn ħdejn id-Dar Parrokkjali lejn il-knisja biex jieħdu sehem sħiħ bl-Ewwel Tqrabina fil-quddiesa.
*Il-Ġabra li ssir illum tkun għall-kwaranturi*
**NOTA**: matul din il-ġimgħa l-funzjonijiet ta' fil-għaxija jkunu bis-sehem tal-Kor tat-Tfal.

**TAĦDITA DWAR L-ISPIRITWALITA TA' SAN GORG PRECA**
MiS-Sur John Formosa, membru tal-Museum u se tkun f'Dar Manres, il-Ġimgħa 22 ta' Mejju fis-6.00p.m.
Kulħadd huwa mistieden.